**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 310/18 CZ**

**Robert Gatt ezercenti s-sengha ta' elettricista u plumber bl-isem ta' BGR Electrical & Plumbing Installations**

**vs.**

**LGM Services Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur imressqa fil-11 ta' Lulju 2018 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn, mitejn u sebgha u sebghin Euro (€2,277) rapprezentanti hlas ghall-prestazzjonijiet professjonali moghtija minn Robert Gatt, ezercenti s-sengha ta' elettricista u plumber bl-isem BGR Electrical Plumbing Installation, lis-socjeta' intimata abbazti tal-invoice hawn annessa u

mmarkata bhala Dok. A, kif ukoll mill-fatturi kollha relattivi illi ntbaghtu kemm-il darba flimkien anke ma' korrispondenza legali;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, anke permezz ta' ittra legali, is-socjeta' intimata baqghet ma hallsitx il-bilanc kif mitlub, u ghalhekk kellha ssir dina t-talba.

Ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tas-27 t'Ottubru 2017 sal-hlas effettiv flimkien mal-ispejjez.

Bl-ispejjez.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-

somma ta' elfejn, mitejn u sebgha u sebghin Euro (€2,277) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur